**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 1**

**Rikors Numru 26/2022/2 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022 wara l-Att tar-Rikors Maħluf 149/2019 fl-ismijiet:**

**Gertrude Dalli**

**vs.**

**John Mark sive Mark Zammit**

Illum 29 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrenti Gertrude Dalli (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fid-9 ta' Frar 2022 fejn jingħad hekk:

*"Illi bis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familija) tas-7 ta' Ottubru 2021 li jsir family therapy maċ-ċentru Willingess u t-tfal jkunu qed jagħmlu kuntatt bejniethom biss, ikun opportun li*

*jiġi stabbilit tal-minuri Gareth għall-omm dejjem jekk irid il-minuri, tenut kont l-eta' li jkollu; (kopja tas-sentenzi annessa u mmarkata Dok. A);*

*Illi ċ-ċentru Willingess ħejja pjan għall-partijiet fid-dawl tas-sentenza mogħtija;*

*Illi pero' l-intimat John Mark sive Mark Zammit qed jirrifjuta li ssegwi dan il-pjan; (kopja tal-pjan u korrispondenza annessa u immarkata Dok. B);*

*Illi r-rikorrenti, u għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, tħoss illi ma baqalha l-ebda triq oħra biex l-ordni tal-Qorti fis-sentenza hawn fuq ċitata tiġi eżegwita ħlief jekk mhux se jinħareġ l-Mandat in Procinctu.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti li ai termini ta' l-artikolu 388Ġ tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur li huma u li tqis neċessarji sabiex tiġi eżegwita l-ordni li hemm fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-7 ta' Ottubru 2021 u l-intimat John Mark sive Mark Zammit jiġi ordnat li jsegwi l-pjan taċ-ċentru Willingess.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat John Mark sive Mark Zammit."*

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Frar 2022 (*a fol.* 43) fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lill-intimat John Mark sive Mark Zammit li ġie mogħti erbat (4) ijiem min-notifika sabiex jippreżenta r-Risposta tiegħu.

Rat ir-Risposta tal-intimat John Mark sive Mark Zammit (*a fol.* 46 *et seq.*) ippreżentata fil-21 ta' Frar 2022 fejn jingħad hekk:

*"Illi r-rikorrenti Gertrude Dalli għoġobha tintavola mandat in procinctu biex tiġi eżegwita s-sentenza Gertrude Dalli vs. John Mark sive Mark Zammit (149/19 AGV).*

*Illi l-Artikolu 388Ġ tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:*

*"388Ġ. (1) Bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra li jinsabu fit-Titolu VII ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista' fuq talba tal-parti, toħroġ dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur li hija tqis neċessarji sabiex jiġu eżegwiti l-ordnijiet li hemm fis-sentenza:*

*Iżda dan il-mandat m'għandux jinħareġ ħlief wara rikors mill-kreditur għal dan il-għan u wara li l-qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandu ebda mezz ta' eżekuzzjoni ieħor.*

*(2) Ir-rikors għandu jkun fih b'mod ċar ir-raġuni għaliex hemm bżonn ta' dawn l-ordnijiet u għandu jiġi dekretat dwar dan wara li jiġi notifikat lid-debitur, li jkollu erbat ijiem żmien sabiex iwieġeb."*

*Illi fl-ewwel lok l-Leġislatur kien speċifiku fl-għażla tal-kliem ta' l-Artikolu 388Ġ. Illi l-leġislatur uża l-kelma "kreditur" u "debitur". Dan ifisser illi l-Artikolu 388Ġ huwa ntiż biex jiġi użat fejn hemm deċiżjoni fuq xi kreditu/flus jew ħaġa li hija kkwatifikata fi flus. Illi s-sentenza odjerna ma titkellimx fuq kreditu iżda fuq terapija u t-tifel Gareth li dalwaqt ser ikun sbatax-il sena. Illi fuq hekk biss dana l-artikolu ma jistax jiġi użat f'dan il-każ.*

*Illi fit-tieni lok, irrid jiġi aċċennat illi parallel ma' dina s-sentenza kien hemm sentenza oħra, fl-ismijiet Zammit John Mark sive Mark vs. Zammit Gertrude (108/18 AGV), deċiża fl-istess ġurnata iżda fuq il-minuri Gretha (Dok. A). Il-pjan ta' terapija ppreżentat mar-rikors mhuwiex in linja maż-żewġt sentenzi għax mhux jinkorpora s-sentenzi billi l-pjan mogħti huwa bażat fuq: 1) parental alienation; 2) 5 laqgħat bejn Gareth u l-omm; 3) l-ebda laqgħa bejn Gretha u l-missier; 4) l-ebda involvement ta' Dr. Moira Borg; 5) l-ebda drama therapy għal Gretha; 6) l-ebda terapija sabiex il-protestant iwarrab il-passat; 7) l-ebda terapija sabiex Gertrude Dalli tneħħi l-ansjeta'.*

*Illi dana l-fatt inġab a konjizzjoni kemm taċ-Ċentru Willingness (Dok. B) kif ukoll lil Onorabbli Qorti diversament preseduta. Illi*

> *minħabba l-fatt illi ċ-Ċentru Willingness ma nkorporax iż-żewġt sentenzi, l-esponenti tilef kull fiduċja fl-imparzjalita' taċ-Ċentru u għalhekk qiegħed jitlob illi ċ-Ċentru Willingness jiġi mibdul (Dok. "Ċ"), liema rikors għadu jrid jiġi deċiż. Illi għalhekk anka fuq dawn il-punti speċjalment meta għad hemm rikors li għadu mhux degretat tali proċeduri ma setgħux jibdew.*
>
> *Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda in toto."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat id-depożizzjonijiet tax-xhieda li xehdu f'din il-kawża, inkluż l-affidavits ippreżentati.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 177 *et seq.*) ippreżentata mir-rikorrenti Gertrude Dalli fil-5 ta' Lulju 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 195 *et seq.*) ippreżentata mill-intimat John Mark sive Mark Zammit fis-27 ta' Lulju 2022.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, ġie ppreżentat affidavit tar-rikorrenti **Gertrude Dalli** (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn tgħid li s-separazzjoni tagħha minn mal-intimat ġiet pronunzjata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ottubru 2017 li kkonfermat fil-maġġor parti tagħha s-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fl-24 ta' Novembru 2016. Tgħid li flimkien mal-intimat għandha żewġt itfal: waħda ta' tnax-il sena u wieħed ta' sittax-il sena. Tispjega li t-tifla tgħix magħha waqt li t-tifel jgħix ma' l-eks raġel tagħha u li l-aċċess li kellha għat-tifel tagħha nqata' b'ordni tal-Qorti. Tgħid li ħlief ħsara ma ratx mingħand l-eks raġel tagħha li kien ilu snin twal jaħdem sabiex jaqta' lilha minn ma' wliedha.

Tgħid li fil-każ tat-tifla kien irnexxielu għal ftit żmien u li meta t-tifla rritornat għandha kienet indunat li missierha kien qed jigdeb. Tkompli tgħid li għar-rigward tat-tifel il-Qorti qatt ma ordnat li jmur jgħix magħha minkejja t-tentattivi kollha tagħha. Tispjega li wara s-sentenza diġa' msemmija minnha hija reġgħet fetħet kawża oħra fejn talbet li l-Qorti terġa' troddilha lura lil binha għax taf li hi bħala omm kapaċi tieħu ħsieb lit-tifel hekk kif hi kapaċi tieħu ħsieb lit-tifla. Tgħid li din il-kawża l-ġdida nqatgħet fis-7 ta' Ottubru 2021 u inottemperanza tal-istess hija għamlet kuntatt maċ-ċentru *Willingness* bit-tama li s-sitwazzjoni familjari timxi l-quddiem. Tkompli tgħid li l-intimat għamel minn kollox sabiex ma jkollhiex aċċess għat-tifel u beda jagħmel numru ta' kondizzjonijiet. Tispjega li l-istess ċentru kien ħejja pjan iżda l-intimat ma riedx jimxi miegħu. Tkompli tgħid li l-intimat irrifjuta li jiltaqa' ma' Matthew Bartolo u nsista li jikkomunikaw b'*email* mat-tifel u li t-terapija ssir *tramite* Dr. Moira Borg. Tgħid li ilha ma tiltaqa' ma' binha mis-6 ta' Novembru 2020 u li l-aħwa mhux qed jiltaqgħu bejniethom. Tispjega li l-intimat għamel Protest Ġudizzjarju kontra ċ-ċentru *Willingness* u li permezz ta' Rikors huwa talab li ċ-ċentru *Willingness* jiġi mibdul permezz ta' xi faċilita' oħra. Tgħid li kienet infurmata miċ-ċentru li kien ser jagħmel rapport lill-Qorti iżda dan għal xi raġuni ma nġiebx a konjizzjoni tal-Imħallef u kien biss wara li hija marret il-Qorti li dan ġie misjub u ngħadda lill-Imħallef.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 161 *et seq.*), tikkonferma li hemm żewġ sentenzi. Mistoqsija tgħid jekk it-terapiji msemmija fiż-żewġ sentenzi kienux differenti, tgħid li t-tnejn kienu fuq it-tfal. Tikkonferma li waħda hija terapija għat-tifla, waqt li l-oħra hija terapija għat-tifel. Dwar għalfejn fl-affidavit issemmi l-kawża li fetħet hija, tgħid li sa fejn taf hi qed tiġi ttrattata l-kawża tagħha. Mistoqsija jekk tridx li tiġi mplimentata s-sentenza tagħha biss tgħid li hija mxiet ma' dak li ordnat il-Qorti u marret il-*Willingness*. Tgħid li meta marret iċ-ċentru *Willingness* hija ma tkellmitx dwar is-sitwazzjoni kollha u dak li għaddiet minnu iżda għaddietilhom iż-żewġ sentenzi. Tgħid li maċ-ċentru tkellmet ma' tliet minn nies inkluż Matthew Bartolo pero' ma tiftakarx kemm il-darba tkellmet. Tikkonferma li ma' taċ-ċentru *Willingness* hija ma tkellmitx dwar *parental alienation*. Tikkonferma wkoll li fis-sentenza

hemm l-involviment ta' Dr. Moira Borg. Dwar *parental alienation* tgħid li ċ-ċentru jieħdu s-sitwazzjoni kollha. Tgħid li lil taċ-ċentru ma qaltilhomx dak li seħħ waqt is-separazzjoni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022, xehed **Matthew Bartolo** (*a fol.* 112 *et seq.*) fejn jgħid li huwa *psychotherapist*, *counsellor* u *supervisor*. Mitlub jispjega l-pjan li tħejja, jgħid li kiteb ir-rapport minħabba li kien parti mis-sentenza u kellhom jaraw il-familja Dalli u Zammit. Jgħid li għamlu kuntatt maż-żewġ persuni individwalment u ħejjew pjan li kien *draft* ta' kif kienu jixtiequ li jgħixu. Jgħid li minn naħa tiegħu l-intimat kien staqsa jekk kienux irċevew iż-żewġ sentenzi minħabba li kien hemm żewġ sentenzi u minn naħa tagħhom huma kkonfermaw u spjegaw aktar fid-dettal il-programm b'dana li riedu jiltaqgħu mal-intimat u r-rikorrenti individwalment. Jixhed li permezz ta' *email* l-intimat wera li kien diffiċli għalih li jiltaqa' miegħu. Jgħid li minn naħa tiegħu, minħabba li ż-żmien kien għaddej, xtaq javża lill-Qorti li kien għadu ma ltaqgħax maż-żewġ partijiet. Jispjega li ma jistax jitkellem dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom minħabba li ma ltaqgħax magħhom. Jispjega wkoll li l-intimat qed jimponi kondizzjonijiet li hu (Bartolo) ma jixtieqx li jiġu imposti qabel ma jibdew il-laqgħat biex jitkellem magħhom. Jixhed li dawn il-kondizzjonijiet kienu li Dr. Moira Borg tiġi nvoluta u li jkun hemm *shared expenses*. Dwar il-pjan jispjega li kellu jkun hemm sessjonijiet individwali ħalli jsiru jafu iktar lill-individwu wara l-karta u anke biex jekk isir pjan in-nies ikunu involuti fihom. Jgħid li kellu jkun hemm *coaching* mat-tfal u sessjonijiet ta' edukazzjoni ta' trobbija u anke affarijiet bħal *parental alienation* kif dawn jistgħu jaffettwaw lit-tfal u wara jkun hemm sessjonijiet ta' *parent coaching* bejn l-aħwa, dejjem jekk dawn ikunu jridu. Minbarra dan ikun hemm laqgħa ma' *team* biex jiġi evalwat il-progress u jiġi deċiż jekk ikunx hemm bżonn ta' aktar jew anqas laqgħat.

In <u>kontro-eżami</u> jaqbel li s-sentenza tal-Qorti kienet tikkonsisti fi tlett affarijiet li kienu *family therapy*, li t-tfal jagħmlu kuntatt bejniethom u li wara jiġi stabbilit aċċess għall-missier. Jispjega li wara li qara s-sentenzi ħejja pjan u bagħtu lill-partijiet bi stedina sabiex jiltaqgħu. Jgħid li kien qiegħed hemm bħala professjonist u la qed jiġbed lejn naħa u lanqas lejn oħra. Jikkonferma li jekk Dr.

Moira Borg tagħmel kuntatt magħhom huma jagħmlu pjan ta' terapija flimkien. Dwar għalfejn id-*drama therapy* ma ġietx inkluża fil-pjan, jispjega li l-ewwel irid jiltaqa' mal-persuna u wara jiddeċiedi jekk dan huwiex l-aħjar pjan. Dwar għalfejn il-pjan tagħhom huwiex differenti minn dak tal-esperti mqabbda mill-Qorti jgħid li kieku l-Qorti ma kinitx ser tqabbadhom jagħmlu pjan ieħor. Dwar ir-raġuni għalfejn daħal it-terminu *parental alienation* fil-pjan jispjega li dan kien bħala edukazzjoni għal ġenituri minħabba *parenting skills*. Jikkonferma li kellu appuntament mar-rikorrenti u li ddiskuta l-programm u x'ħasbet li għandha bżonn hija. Jikkonferma li l-frażi *parental alienation* semmieha huwa u mhux ir-rikorrenti. Dwar il-laqgħa mal-intimat jispjega li dan ried jitkellem fuq it-telefon iżda huwa qallu juża *email* għax huwa ma jitkellimx fuq telefon f'dawn iċ-ċirkostanzi u jippreferi laqgħa fiżika ħalli jonqsu l-*misunderstandings*.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2022, ġie ppreżentat affidavit tal-intimat **John Mark sive Mark Zammit** (*a fol.* 143 *et seq.*) fejn jibda billi jikkwota partijiet mis-sentenzi **John Mark sive Mark Zammit vs. Gertrude Zammit** (108/18 AGV) u **Gertrude Dalli vs. John Mark sive Mark Zammit** (149/19AGV) u jgħid li ż-żewġ sentenzi mhux identiċi. Ikompli jgħid li ċ-ċentru *Willingness* kienu ikkuntattjawh sabiex iwettqu l-inkarigu tagħhom iżda b'sorpriża għalih huma kien qed jittrattaw sentenza waħda. Jgħid li huwa ta *feedback* u ġibed l-attenzjoni li t-terapija ma kinitx skont is-sentenzi. Jilmenta li fil-pjan kien jissemma l-kunċett ta' *parental alienation* mingħajr ma' dan kien fis-sentenza u li kien jinkludi laqgħat mat-tifel meta l-Qorti qalet biċ-ċar li dawn kellhom iseħħu biss jekk ikun irid it-tifel filwaqt li ma ssemmew imkien il-laqgħat mat-tifla. Jispjega li kellem lill-konsulenta legali tiegħu u hija kitbet liċ-ċentru dwar l-inkwiet tiegħu u ġie mwieġeb li huwa kien irrabjat u frustrat u ntalab isegwi l-programm mingħajr ma' ġie ndirizzat l-inkwiet tiegħu. Jispjega li wara skambju ta' *emails* deher ċar li ċ-ċentru ma kienx ser jikkunsidra xi tibdil fil-programm u ma xtaqx li jkun hemm komunika futura ma' Dr. Moira Borg. Jgħid li c-ċentru nforma lill-Qorti li huwa ma kienx qed jikkollabora mentri jgħid li tant ried jikkollabora li ried jiltaqa' mar-rappreżentant taċ-ċentru ħalli jispjegalu. Jirreferi għal fatt li Dr. Mark Xuereb kien għamel

rapport *ex parte* għal mara tiegħu fejn kien ta opinjoni fuqu mingħajr ma' ltaqgħa miegħu u jibża li seta' tkellem ma' Bartolo anke f'dan il-każ. Jispjega li l-mara tiegħu kienet ukoll għaddiet xi flus bħala rigal lill-impjegata tal-Aġenzija Appoġġ. Jispjega li ppreżenta Protest Ġudizzjarju kontra ċ-ċentru wara li hu ħass li dan ma riedx jimxi fuq dak li stabbiliet il-Qorti u ġie preżentat Rikors quddiem il-Qorti fejn intalab li jiġi mibdul iċ-ċentru iżda t-talba ġiet miċħuda u jgħid li allura ċ-ċentru jrid jimxi ma' dak li stabbiliet il-Qorti. Jilmenta li ġie ppreżentat b'dan il-Mandat *in procinctu* meta huwa magħruf li huwa jaqbel mas-sentenza mogħtija mill-Qorti iżda l-pjan ta' terapija jrid ikun skont is-sentenza tal-Qorti.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 170 *et seq.*), jikkonferma li wara s-sentenzi in kwistjoni lit-tifel tiegħu ma ħadu għall-ebda terapija minħabba li t-terapija ma bdietx. Jispjega li huwa ma qabilx mal-pjan li ħejja ċ-ċentru. Ikompli jgħid li huwa kien ilmenta li ma kienx qed jaqbel ma' ċertu punti u li kien ipprova jikkonvinċi lil Bartolo jibdel il-pjan iżda dan fl-aħħar *email* wera biċ-ċar li ma kienx dispost jibdlu. Jikkonferma li kien wera dubju li ċ-ċentru kellhom biss sentenza waħda u jispjega li fis-suġġett tal-*email* kien hemm riferenza għal sentenza waħda biss. Ikompli jgħid li għalhekk in-nuqqas kien minn naħa taċ-ċentru minħabba li t-terapija kellha tkun għaż-żewġ ulied. Jispjega li sabiex huwa jibda t-terapija jrid ikun hemm qbil fuq il-programm. Jikkonferma li l-Qorti qabbdet liċ-ċentru jħejji l-pjan iżda dan ma jfissirx li jrid jaqbel ma' dak li jipprepara ċ-ċentru. Mistoqsi dwar il-kondizzjoni li jikkomunika permezz ta' *email* jispjega li l-ħin huwa prezzjuż għal kulħadd.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2022, xehdet **Dr. Moira Borg** (*a fol.* 145 *et seq.*) fejn tispjega li hija tabiba fil-mediċina u *psychotherapist* bi speċjalizzazzjoni fi tfal adolexxenti. Tgħid li ġiet maħtura mill-Imħallef Anthony Vella. Tispjega li skont is-sentenzi ta' bejn il-partijiet ir-rwol tagħha kien li wara li ċ-ċentru *Willingness* jagħmlu l-*assessment* tagħhom hija tkompli mat-tfal. Tikkonferma li l-*Willingness team* ma għamlux kuntatt dirett magħha. Tispjega li hija kienet għamlet kuntatt mar-Reġistru tal-Imħallef sabiex tara x'kien eżatt ir-rwol tagħha u li l-Imħallef kien offra li jagħmel laqgħa ma'

Matthew Bartolo iżda kien għadu ma sar xejn. Tkompli tgħid li dak li ma kienx ċar għaliha kien f'liema fażi tat-terapija hija kienet ser terġa' tidħol. Tikkonferma li t-tifel għandu l-eta' tiegħu u kapaċi jiddeċiedi għalih u ma tistax tobbligah jattendi għat-terapija għax din tmur kontra l-istess natura tat-terapija.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 154 *et seq.*) eżebiet korrispondenza li kien hemm mal-intimat liema korrispondenza ġiet immarkata bħala Dok. "MB 1" (*a fol.* 159 *et seq.*). Tikkonferma li kienet maħtura mill-Qorti sabiex tipprova tirrikonċilja t-tfal u tiffaċilita l-kuntatt bejniethom iżda ma kellhiex suċċess. Tgħid li ma tafx li l-intimat kien ippreżenta Protest Ġudizzjarju kontra ċ-ċentru *Willingness*. Tispjega li saret taf bis-sentenzi għax kien għaddihom lilha l-intimat u li fil-komunikazzjoni mal-intimat huwa qatt ma mar l-uffiċju tagħha. Tgħid li qatt ma tat terapija lill-intimat u meta ltaqgħat mal-partijiet kien minħabba t-terapija li kienet qed tagħmel lit-tfal. Tikkonferma li wara s-sentenzi t-tfal ma baqgħux imorru għandha u lanqas il-ġenituri.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ huwa każ kemxejn partikolari fejn ir-rikorrenti qed titlob li din il-Qorti toħroġ dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur sabiex tiġi eżegwita l-ordni li hemm fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet **Gertrude Dalli vs. John Mark sive Mark Zammit** (Numru 149/2019) u sabiex l-intimat jiġi ordnat isegwi l-pjan taċ-ċentru *Willingness*.

Illi l-fatti tal-każ minkejja li huma odjużi huma relattivament sempliċi b'dana li l-partijiet isseparaw iżda sfortunatament dan il-proċess ġab firda bejn it-tfal tagħhom u kif wkoll firda ma' l-istess ġenituri b'dana illi t-tifla qed toqgħod għand ommha (ir-rikorrenti) u t-tifel qed joqgħod mal-missier (l-intimat).

Illi fis-sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2021 fl-ismijiet **Gertrude Dalli vs. John Mark sive Mark Zammit** (Numru 149/19 AGV) (*a fol.* 29 *et seq.)* li qed tintalab rimedju dwarha, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet is-segwenti:

> "Għal dawn il-motivi din l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi għar-raġunijiet suesposti, b'dana pero' wara li jsir il-*family therapy* meħtieġ kif suġġerit maċ-ċentru *Willingness Centre* u t-tfal jkunu qed jagħmlu kuntatt bejniethom biss, ikun opportun li jiġi stabbilit aċċess tal-minuri Gareth għall-omm dejjem jekk irid l-istess minuri tenut kont ta' l-eta' li jkollu. Il-progress tal-*family therapy* għandha tintbagħat lill-Qorti fi żmien sena millum bir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa, kif ukoll is-sitwazzjoni tal-istess familja għandha terġa' tiġi assessjata minn Dr. Moira Borg wara li sseħħ l-istess terapija."

Illi, fi kliem ir-rikorrenti, l-intimat qed joħloq problemi sabiex jattendi għal din it-terapija u dan bil-għan li jċaħħadha milli tara lil binha. Hija tilmenta li huwa qed ipoġġi kondizzjonijiet sabiex anke jiltaqa' mat-terapisti ħalli jiftehmu fuq pjan komuni ta' kif għandha sseħħ it-terapija.

Illi minn naħa tiegħu l-intimat iressaq żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel (1) eċċezzjoni hija ta' natura proċedurali u fiha l-intimat jeċċepixxi li l-mandat in kwistjoni ma huwiex applikabbli minħabba li l-liġi tagħmilha ċara li dan japplika fuq talba tal-kreditur u li allura jrid ikun hemm xi forma ta' dejn. It-tieni (2) eċċezzjoni hija ta' natura fattwali fejn l-intimat jilmenta li l-kondizzjonijiet li kien qed jimponi kienu relatati mal-fatt li l-pjan ta' terapija ma kienx jieħu in konsiderazzjoni s-sentenza l-oħra li kien hemm u li kienet tirrigwarda r-relazzjoni tiegħu ma' bintu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Mandat *in procinctu* daħal fil-liġi tagħna bl-Att XIV tal-2006 meta sar artikolu ġdid fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioé Artikolu 388E li bl-Att VIII tal-2010 ġie mibdul għal Artikolu 388Ġ b'dan illi d-diċitura baqgħet l-istess kemm meta d-dispożizzjoni kienet Artikolu 388E kif ukoll kif inhi llum u ċioé Artikolu 388Ġ tal-Kapitolu 12 imsemmi.

Illi Artikolu 388Ġ tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

"(1) Bla ħsara għal disposizzjonijiet oħra li jinsabu fit-Titolu VII ta' dan il-Kodiċi, il-Qorti tista' fuq talba tal-parti, toħroġ dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur li hija tqis neċessarji sabiex jiġu eżegwiti l-ordnijiet li hemm fis-sentenza:

Iżda dan il-mandat m'għandux jinħareġ ħlief wara rikors mill-kreditur għal dan il-għan u wara li l-Qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandu ebda mezz ta' eżekuzzjoni ieħor.

(2) Ir-rikors għandu jkun fih b'mod ċar ir-raġuni għaliex hemm bżonn ta' dawn l-ordnijiet u għandu jiġi dekretat dwar dan wara li jiġi notifikat lid-debitur, li jkollu erbat ijiem żmien sabiex iwieġeb".

**L-Ewwel (1) Eċċezzjoni**
**(Applikabilita' tal-Mandat *in procinctu*):**

Illi l-ewwel (1) eċċezzjoni tal-intimat iddur madwar l-użu tal-kliem "kreditur" u "debitur" fl-Artikolu 388Ġ tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq kwotat.

Illi wara li l-Qorti qrat fid-dettal id-dibattiti Parlamentari li waslu għal introduzzjoni tal-mandat in *procinctu*, il-Qorti hija tal-fehma li t-termini "kreditur" u "debitur" hekk kif użati f'din id-dispożizzjoni qed jirreferu għal kreditur u debitur ta' obbligazzjoni u mhux neċessarjament kreditur u debitur f'sens ta' flus.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2017 fil-kawża fl-ismijiet **Wara s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti Ċitazz. 299/2010 fl-ismijiet: Ines Calleja vs. Awtorita' għat-Trasport f'Malta u fl-ismijiet Ines Calleja vs. Awtorita' għat-Trasport f'Malta (it-tnejn deċiżi fil-Prim'Istanza fl-14 ta' Diċembru 2011 u t-tnejn ikkonfermati fl-appell fit-30 ta' Novembru 2012)** (Numru 770/2016) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet riferenza għal dak li ngħad fil-Parlament dwar il-mandat *in procinctu* u qalet hekk:

"Waqt id-dibattitu fil-Parlament dwar it-Tieni Qari ta' l-abbozz, illi wara sar l-Att XIV tal-2006, il-Ministru tal-

Ġustizzja ta' dak iż-żmien qal hekk dwar il-mandat *in procinctu*:-

*"Dan il-mandat huwa residwali, li jfisser li huwa mandat li permezz tiegħu, il-Qorti tkun tista' toħroġ l-ordnijiet neċessarji meta tara li l-mandati l-oħrajn kollha ma jistgħux jiġu wżati sabiex tiġi esegwita l-ordni tagħha. Il-bżonn ta' dan il-mandat ħareġ wara l-esperjenza li rajna fil-Qorti, fejn ħafna drabi jkollok numru ta' sentenzi li permezz tagħhom ma tkunx tista' tagħmel użu mill-mandati tradizzjonali u allura ssib ruħek f'sitwazzjoni ta' impass legali, jiġifieri għandek sentenza favur tiegħek mingħajr ma tista' ssarrafha."*

Kompla jgħid:-

*"… għandna diversi każijiet ta' persuni li ngħataw ordni mill-Qorti f'sentenza u dik is-sentenza ma jistgħux jittrasformawha għaliex jaqgħu bejn mandat in factum di fare u mandat in factum di dare. Għalhekk qegħdin ngħidu li se nagħmlu l-mandat residwali sabiex permezz tiegħu nieħdu ħsieb li jkun hemm garanzija li l-kreditur jieħu dak li għandu jieħu fejn il-mezzi l-oħra ma jirnexxux. Fil-fatt fl-istess artiklu qegħdin niddikjaraw li fejn il-mezzi l-oħra ma jirnexxux, jista' jsir użu mill-mandat in procinctu. Dan għandu jsir billi jsir rikors apposta, fejn il-Qorti tisma' t-talba u mbagħad tiddeċiedi x'ordnijiet għandha toħroġ sabiex tesegwixxi s-sentenza tagħha."*

Waqt id-dibattitu fl-istadju tal-Kumitat, issemmew dawn l-eżempji:-

*"Eżempju A – Kreditur għandu jagħti Lm100,000. Issir kawża u kontemporanjament Mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju li jiġi milqugħ. Tingħata sentenza ta' Lm100,000 u l-Mandat ta' Inibizzjoni jispiċċalu l-effett tiegħu wara t-trapass tal-perjodu tal-appell. Il-Kreditur jista' jaqbad ibiegħ u jiffrustra d-dritt li għandu d-debitur. Għalhekk, wieħed jista' jitlob il-ħruġ ta' Mandat in Procinctu sabiex tordna li, sakemm isir il-bejgħ in subasta, dik il-proprjeta' ma tistax tiġi trasferita.*

*Eżempju B – Hemm żewġ appartamenti, wieħed fuq l-ieħor u l-flat ta' fuq ma jiġix użat. Jkun hemm il-ħsarat deħlin mill-flat ta' fuq għall-flat ta' taħt. Il-flat ta' taħt jagħmel kawża biex ta' fuq jirranġa l-ħsara pero' ta' fuq ma jirranġax il-ħsara u l-Qorti tiġi fil-pożizzjoni fejn ma tistax tordna li dan jirranġa l-ħsara. Min-naħa l-oħra ma tistax tordna l-bejgħ insubbasta tal-flat ta' fuq, u allura trid toħroġ ordnijiet speċjali sabiex dak isir."*

Il-Ministru qal hekk fil-Kumitat:

*"ilu jinħass il-bżonn għal dik il-fula f'qargħa, għal dak il-bniedem li jsib lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi between two stools, between three stools fejn ma jista' jagħmel xejn. Dan huwa l-mandat in procintu.""*

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ġie kkwotat u l-eżempji mogħtija mill-Ministru fejn isemmi l-eżempju ta' persuna li tagħmel kawża lis-sid tal-appartament ta' fuqha sabiex isewwi l-ħsara li kkawżalha, għandu jsegwi li t-termini "kreditur" u "debitur" hekk kif użati f'Artikolu 388Ġ tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta qed jirreferu għal kreditur u debitur ta' obbligazzjoni u mhux neċessarjament għal kreditur u debitur f'sens ta' flus. Li kieku ried li dan il-mandat ikun limitat għal kredituri finanzjarji kien jillimita l-eżempju għal każ ta' danni finanzjarji u mhux għal każ ta' tiswija ta' ħsara.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan il-ħsieb huwa suffragat ukoll mill-kliem tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija minnha fis-26 ta' Ġunju 2009 fil-kawża fl-ismijiet **John Patrick Hayman et vs. Edmond Espedito Mugliett et** (Numru 379/2009/1) meta qalet is-segwenti:

"Dan kollu, pero', ftit li xejn jitfa' dawl fuq il-mandat li dwaru jitkellem l-Artikolu 388E [illum 388Ġ] tal-Kap. 12. Dak li hu żgur hu li b'dan il-mandat ġdid il-leġislatur ried li jkun hemm mezz, pjuttost straordinarju, <u>li bih persuna li tkun rebħet il-kawża u li allura tkun kreditriċi ta' obbligazzjoni tkun tista'</u>, fin-nuqqas li tikseb sodisfazzjon b'mezz ta' eżekuzzjoni ieħor, tassigura l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza billi titlob lill-Qorti sabiex jingħataw dawk l-

> ordnijiet lir-Reġistratur li dik il-Qorti tqis neċessarji għall-fini ta' tali eżekuzzjoni". [emfażi miżjuda]

Illi qabel il-Qorti tkompli tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha hija tal-fehma li f'dan l-istadju terġa' tagħmel riferenza għal dak li ngħad fis-sentenza appena kkwotata u ċioé **John Patrick Hayman et vs. Edmond Espedito Mugliett et** (Numru 379/2009/1) u dan sabiex jinftiehem eżatt x'inhu l-iskop tal-Mandat *in procinctu*. Fis-sentenza msemmija il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:

> "15. Għalkemm l-Artikolu 388E ġie miżjud fil-Kap. 12 bl-Att XIV tal-2006, kien biss fil-bidu ta' din is-sena li din id-disposizzjoni ġiet fis-seħħ (ara l-A.L. 342/2008). Il-kliem ossia l-espressjoni "in procinctu" tat lok għal mhux ftit kurżita' fost il-membri tal-professjoni legali. Litteralment l-espressjoni bil-Latin "in procinctu" jidher li tfisser "with loins girded"[1] – mill-kliem *pro*, quddiem, u *cinctus* li huwa l-parteċipju passat tal-verb *cingere*, torbot jew iddawwar – u tirreferi għall-prassi tar-Rumani li qabel ma jingaġġjaw fil-battalja jorbtu sew it-toga jew ilbies ieħor li talvolta kienu jkunu lebsin sabiex ma jkollomx xkiel waqt it-taqtigħa. Din l-espressjoni ġiet eventwalment tfisser "preparat għall-battalja"[2], u tat lok ukoll għall-espressjoni Taljana "in procinto" li tfisser li wieħed ikun preparat, lest biex jagħmel xi ħaġa (eż. "in procinto di partire")[3]. Fid-Dritt Ruman antik kien hemm dak li jissejjaħ *testamentum in procinctu* li kien isir minn dawk li kienu jkunu ltaqgħu għal xi battalja.[4] Dan kollu, pero', ftit li xejn jitfa' dawl fuq il-

[1] Ara: Stone, Jon R. **Latin for the Illiterati** Routledge (New York and London), 1996, p. 46.

[2] **Collins Latin Gem Dictionary** (London and Glasgow), 1957, v procinctus; **The Penguin Latin Dictionary** (London), 2007, *v* procinctus.

[3] Zingarelli, N. **Vocabolario della Lingua Italiana** Bietti & Reggiani Editori (Milano), 1930, *v* procidenza.

[4] Jolowicz, H. F. u Nicholas, B. **Historical Introduction to the Study of Roman Law** Cambridge University Press, 1972, p. 127; Buckland, W. W. **A Text-Book of Roman Law from Augustus to Justinian** Cambridge University Press, 1975, p. 283 *et seq.* fejn jingħad hekk: "*Testamentum in procinctu*: A will made before his comrades by a soldier, when a campaign was under way and no sitting of the *comitia* was imminent. Whether this was an assembly, the *centuriata*, analogous to the *comitia* (*curiata*) *calata*, as is suggested by the language of Aulus Gellius, or was a mere declaration before his immediate comrades is uncertain, the former being more probable, as auspices were necessary. It seems to have lasted into the seventh century, but Cicero describes it as obsolete, though having coexisted with the mancipatory will."

mandat li dwaru jitkellem l-Artikolu 388E tal-Kap. 12. Dak li hu żgur hu li b'dan il-mandat ġdid il-legislatur ried li jkun hemm mezz, pjuttost straordinarju, li bih persuna li tkun rebħet il-kawża u li allura tkun kreditriċi ta' obbligazzjoni tkun tista', fin-nuqqas li tikseb sodisfazzjon b'mezz ta' eżekuzzjoni ieħor, tassigura l-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza billi titlob lill-Qorti sabiex jingħataw dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur li dik il-Qorti tqis neċessarji għall-fini ta' tali eżekuzzjoni. Fil-fatt ġie li jiġri li ordni li tkun ingħatat fil-konfront tal-parti sokkombenti ma tiġix imwettqa minn dik il-parti, bir-riżultat li l-kreditur tal-obbligazzjoni jibqa' b'sentenza favurih pero' bla rimedju effettiv – kif spiss jiġi lmentat f'każijiet simili, il-kreditur tal-obbligazzjoni jkun jista' biss ipoġġi s-sentenza fi gwarniċ! Kif inhu risaput, il-proċedura ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-qorti skond l-Artikoli 1003A u 997 tal-Kap. 12 tista' twassal għal forma ta' "kastig" fil-konfront ta' min ikun naqas li jottempera ruħu ma' ordni ta' qorti[5], iżda tali proċedura ma twassalx *per se* <u>għall-eżekuzzjoni ta' dak l-ordni jew sentenza</u> – apparti d-dewmien neċessarjament marbut mal-mod biżantin kif dawn il-proċeduri jridu jitmexxew skond il-liġi viġenti. Huwa naturalment inaċċettabbli li jkun hemm sentenza li pero' ma tkunx tista' tiġi effettivament eżegwita minħabba l-maniġġi tad-debitur tal-obbligazzjoni u n-nuqqas ta' mezz effikaċi ta' eżekuzzjoni. Kien proprju biex jagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas li l-leġislatur ħaseb għall-mandat *in procinctu* – u forsi jekk wieħed jara dan il-mandat, kif neċessarjament irid wieħed jarah, minn din l-ottika, ċioé bħala rimedju straordinarju, l-espressjoni *in procinctu* mhix għal kollox barra minn lokha.

[…]

17. Jiġi osservat fl-ewwel lok li l-leġislatur ma llimitax it-tip jew in-natura ta' l-ordnijiet li l-Qorti tista' talvolta tagħti lir-

[5] Ara a propositu s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Ġunju 2009 fl-ismijiet **Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali v. John Busuttil**.

Reġistratur. Sakemm l-ordni jkun legali skond il-prinċipji ġenerali tad-dritt u sakemm il-Qorti tkun tal-fehma li tali ordni huwa neċessarju sabiex is-sentenza tiġi eżegwita, dak l-ordni jista' jingħata lir-Reġistratur. Il-*proviso* tas-subartikolu wieħed, iżda, jarġina xi ftit is-setgħa tal-Qorti. Il-Qorti ma tistax tipproċedi *ex officio* iżda biss fuq talba tal-kreditur tal-obbligazzjoni; u l-Qorti trid ukoll tkun sodisfatta li tali kreditur "ma għandu ebda mezz ta' eżekuzzjoni ieħor". Din l-aħħar espressjoni – "ma għandu ebda mezz ta' eżekuzzjoni ieħor" – tpoġġi, kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal-appellati, il-mandat *in procinctu* fuq l-istess livell tal-mandat *in factum*. Dwar dan ta' l-aħħar, in fatti, is-subartikolu (4) tal-Artikolu 385 jipprovdi hekk: "Il-Qorti għandha biss toħrog il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma għandux mezz ieħor ta' eżekuzzjoni". Kemm il-mandat *in factum* kif ukoll il-mandat *in procinctu* m'għandhomx jinħarġu leġġerment, u l-Qorti għandha dejjem tkun kawta biex tali mandati ma jinħarġux meta effettivament hemm xi mezz ieħor ta' eżekuzzjoni, jiġifieri xi mandat ieħor, li jkun jista' jagħti <u>eżekuzzjoni effettiva</u> għas-sentenza jew ordni tagħha jew, bħal f'dan il-każ, tal-Qorti ta' l-Appell. Kif tajjeb josservaw l-appellanti, il-mandat *in procinctu* m'ghandux iservi biex jiġu sorvolati jew raġġirati mandati oħra li jkunu jagħtu mezz effettiv ta' eżekuzzjoni."

Illi fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2017 imsemmija aktar 'il fuq (Numru 770/2016), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li għamlet riferenza għas-sentenza hawn fuq appena kkwotata, għamlet riferenza wkoll għas-segwenti: **Bella Claudia Nicoletta Cassar vs. Anthony Cassar** (Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri) – 12 ta' Mejju 2016; **Maria sive Mariella Borg vs. Patrick Borg** (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) – 28 ta' Jannar 2016; **Joseph Degiorgio et vs. Edith sive Maria Galea et** (Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) – 28 ta' Frar 2017.

Illi ġialadarba jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-Mandat in *procinctu* huwa mandat ta' natura residwali b'hekk ifisser li dan il-mandat

imsemmi japplika biss fil-każ fejn ma japplikawx rimedji oħra. Minbarra dan, il-Qorti tiċċara li l-konsiderazzjonijiet tagħha qed japplikaw għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-7 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **Gertrude Dalli vs. John Mark sive Mark Zammit** (Numru 149/19 AGV) u dana stante li dak mitlub mir-rikorrenti fir-Rikors tagħha jirrelata ma' din is-sentenza.

Illi l-Qorti kkunsidrat fit-tul l-ordni maħruġa mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u fid-deċiżjoni in kwistjoni jirriżulta obbligu li l-partijiet iwettqu *family therapy* kif suġġeriet miċ-ċentru *Willingness*. Wara li xtarret dan il-punt, din il-Qorti hija tal-fehma li din hija *obbligazione di fare* imposta fuq iż-żewġ partijiet.

Illi rigward l-*obbligazzjoni di fare* il-Qorti hija tal-fehma li japplika l-*Mandat in factum* u mhux il-*Mandat in procinctu*. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Mejju 2005 **Fl-Atti tal-Mandat *in Factum* Numru 519/05/JRM fl-ismijiet: Emanuel Bartolo vs. Victor Micallef** (Numru 314/2005) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi l-Qorti mela trid tassikura ruħha qabel ma tagħti l-ordni għal ħruġ ta' tali mandat li l-obbligazzjoni indikata fis-sentenza ma tkunx waħda ta' ħlas u lanqas sabiex tiġi mogħtija xi ħaġa determinata, iżda għandha tikkonsisti fil-kompjiment ta' <u>att personali għall-istess debitur</u>, u mhux biss iżda stante d-dispożizzjoni tal-Artikolu 385(4) tal-Kap. 12, irid jiġi aċċertat ukoll li kif ingħad fis-sentenza "<u>Fedele Dalli vs. Victor Mallia</u>", deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 1974 *"jekk ġewx esegwiti mezzi oħra ta' eżekuzzjoni jekk dan ikun possibbli fiċ-ċirkostanzi"*."

Illi kkunsidrat dan, l-obbligu li jitwettaq att personali mid-debitur, li f'dan il-każ kien l-intimat, kien jikkonsisti fil-fatt li jagħmel *family therapy* hekk kif imfassal miċ-ċentru *Willingness*. Għalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li għall-azzjoni bħal din kien japplika l-*Mandat in factum* u konsegwentement dan il-Mandat *in procinctu* mhux applikabbli għal dan il-każ. In vista ta' dan, il-Qorti ser tilqa' l-eċċezzjoni tal-applikabilita' ta' dan il-mandat mhux għar-raġuni

mqajjma mill-intimat iżda minħabba li kien japplika l-*Mandat in factum*.

Illi l-Qorti qed tqajjem din l-eċċezzjoni hija minħabba li l-applikabilita' *o meno* ta' mandat huwa fil-fehma ta' din il-Qorti ta' natura proċedurali u konsegwentement ta' ordni pubbliku u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Novembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Maurice Cefai et vs. Doris Fenech** (Numru 120/2000/1) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet is-segwenti:

> "Huwa paċifiku illi l-liġijiet ta' proċedura "si debbono osservara alla lettera e non per equipollens" (Vol XVIII pI p879). Dan għaliex il-proċedura hi konsiderata liġi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mil-liġi "ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relattiva jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi mill-Qorti sollevata 'ex officio'"((Vol XXXVI pI p204; Vol XLIV pI p421)".

Illi għalhekk il-Qorti ser tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti minħabba li l-Mandat *in procintu* mhux applikabbli ġialadarba li f'dan il-każ kellu japplika l-*Mandat in factum*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti Gertrude Dalli hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrenti Gertrude Dalli.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |